

Brussell, 25 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15469/24

EDUC 414
SOC 823
DIGIT 225
RECH 492

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sħubijiet strateġiċi fl-edukazzjoni u t-taħriġ

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fil-25 ta' Novembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sħubijiet strateġiċi fl-edukazzjoni u t-taħriġ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JFAKKAR:

1. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024¹, li jappellaw għat-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità għolja fl-Ewropa kollha, billi tizzied il-ħidma, permezz ta' djalogu soċjali msaħħaħ, fuq il-miri ewlenin għall-2030 dwar iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-tiġdid/it-titjib tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, billi jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet u fil forza tax-xogħol fil-kuntest ta' xejriet demografiki usa', inkluż il-mobbiltà tat-talenti lejn l-Unjoni Ewropea u fiha, u jiġu żgurati opportunitajiet ugwali;
2. Fl-Aġenda Strateġika 2024-2029, li ħabbret impenn għall-investiment fil-ħiliet, it-taħriġ u l-edukazzjoni tal-persuni tul ħajjithom u għall-inkoraġġiment fil-mobbiltà tat-talenti fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha²;
3. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)³ u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-istruttura ta' governanza tiegħu⁴, billi l-qafas strateġiku huwa l-għodda ewlenija għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet ikkonċernati, u konsegwentement huwa għodda kruċjali biex jinbnew u jitmexxew 'il quddiem sħubijiet bejn atturi differenti u bejn livelli differenti ta' governanza;
4. Fil-kuntest politiku kif deskritt fl-Anness ta' dawn il-konklużjonijiet.

¹ EUCO 12/24.

² Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-27 ta' Ġunju 2024 (EUCO 15/24).

³ ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.

⁴ ĠU C 497, 10.12.2021, p. 1.

WAQT LI JISSOTTOLINJA LI:

5. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, "sħubija strateġika" għandha tinftiehem bħala sforz kollaborattiv li, flimkien mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tista' tinvolve awtoritajiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħas-sħab soċjali, is-servizzi tal-impjiegi, il-kmamar tal-kummerċ, in-negozji u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, ir-rappreżentanti tal-istudenti, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, u atturi ekonomiċi u soċjali lokali u reġjonali, u li għandha l-għan li tilħaq objettivi komuni u tindirizza l-ħtiġijiet tas-soċjetà permezz ta' kooperazzjoni reċiproka u viżjoni fit-tul.

WAQT LI JIRRIKONNOXXI:

6. L-isfidi u l-opportunitajiet li qed jevolvu ppreżentati mill-kriżijiet ambjentali u klimatiċi, il-progress teknoloġiku, il-bidliet demografiċi, il-kriżijiet tas-saħħa u l-globalizzazzjoni, li jissottolinjaw il-ħtieġa għal approċċi innovattivi u strateġiċi għall-edukazzjoni u t-taħriġ;
7. Ix-xenarju varjat tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-Istati Membri, u l-importanza li jitfasslu strateġiji u politiki apposta għall-kuntesti lokali u reġjonali filwaqt li jitrawmu l-kooperazzjoni u l-mobbiltà transfruntiera;
8. L-importanza tal-promozzjoni tal-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja⁵, b'mod partikolari l-kompetenza intraprenditorjali, u l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn soċjetà u ekonomija sostenibbli, inklużivi u ġusti. Fi żminijiet ta' bidla soċjali u ekonomika rapida u ta' sfidi kumplessi, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid kontinwi, kif ukoll it-tagħlim tul il-ħajja, inkluż it-tagħlim mhux formali u dak informali, huma essenzjali għaċ-ċittadini biex isibu sodisfazzjon u benesseri personali, biex ikunu lesti jadattaw u jaħdmu tajjeb f'suq tax-xogħol li qed jinbidel u biex jinvolve ruħhom f'ċittadinanza attiva u responsabbli;

⁵ Kif jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).

9. Ir-rwol tat-tagħlim fuq il-post tax-xogħol u tal-iskemi ta' apprendistat li jipprovdu lill-istudenti b'ħiliet prattiċi soċjali u għall-ħajja u b'esperjenzi rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà, kif ukoll għall-iżvilupp personali tagħhom. Skemi bħal dawn jistgħu jinbnew fuq sħubijiet sostenibbli bejn id-dinja tax-xogħol u d-dinja tal-edukazzjoni u t-taħriġ u qed jespandu lil hinn mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), inkluż l-edukazzjoni għolja;
10. Il-fatt li s-sħubijiet pubbliċi-privati jistgħu jkunu mod effiċjenti kif id-domandi tas-suq tax-xogħol jintrabtu mal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-istudenti jistgħu jibbenefikaw billi jitgħallmu direttament mill-prattika, waqt li jaħdmu bl-aħħar żviluppi f'kull settur; b'hekk l-innovazzjoni tista' titrawwem fuq iż-żewġ naħat;
11. Il-kontribut tal-ekosistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali. L-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jittrasferixxu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi minn reġjun għal ieħor u min-naħa għal oħra tal-fruntieri, u b'hekk jikkontribwixxu għall-innovazzjoni u għat-tkabbir ekonomiku, għat-tħejjija tal-individwi għal suq tax-xogħol fl-UE li qed jinbidel u għall-iżvilupp personali tagħhom. Iċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tal-imħuħ tista' tiżgura li l-benefiċċji tal-mobbiltà u tal-iskambju tal-għarfien, inkluż l-indirizzar tad-disparitajiet reġjonali fl-opportunitajiet edukattivi u ta' taħriġ, speċjalment f'reġjuni li qed jesperjenzaw nassa tal-iżvilupp tat-talenti, jitqassmu b'mod ġust mal-UE kollha, u b'hekk titrawwem il-koeżjoni u jonqos ir-riskju tad-depopolazzjoni u ta' eżodu ta' mħuħ. It-trawwim ta' sens pożittiv u inklużiv ta' identità u ta' appartenenza fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak tal-UE, imsejjes fuq il-valuri komuni Ewropew, għandu jiġi kkultivat u mħeġġeġ, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jwessgħu l-għarfien tagħhom u jikkontribwixxu għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol;

12. Il-valur tal-kollaborazzjoni, l-iskambji u l-mobbiltà tranżnazzjonali, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Prattiki bħal dawn jippromwovu d-djalogu interkulturali, il-valuri Ewropej, iċ-ċittadinanza demokratika u l-koeżjoni soċjali, kif ukoll il-fehim reċiproku permezz tat-tisħiħ tal-multilingwiżmu. It-trasferibbiltà tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifiki⁶ huma importanti biex jiżguraw il-libertà effettiva tal-moviment għall-istudenti u biex jindirizzaw id-differenzi fil-ħiliet fl-Ewropa. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali żżid il-kapaċità tal-kisba ta' perspettivi ġodda, il-kondiviżjoni tal-ideat u l-bini ta' relazzjonijiet istituzzjonali dejjiema sabiex jitmexxa 'l quddiem l-għarfien, tiżdied il-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tar-riċerka, jissaħħu r-rabtiet bejn l-edukazzjoni, it-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni, jitjiebu l-impjegabbiltà u l-ħiliet, u jsir użu aktar effettiv tat-teknoloġiji diġitali u tax-xjenza miftuħa, biex b'hekk tikkontribwixxi għas-suċċess fit-tranżizzjoni ekoloġika, fost oqsma oħra;
13. Li l-ekosistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha jistgħu jsaħħu b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni tranżnazzjonali. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali strutturata fil-livell istituzzjonali, bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, l-Alleanzi għall-Innovazzjoni, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, l-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+, il-Patt għall-Ħiliet, u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni, kif ukoll l-edukazzjoni għolja, il-VET u t-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-adulti, jistgħu wkoll jgħinu jsaħħu l-kompetittività tal-Ewropa u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni doppja;

⁶ Fil-każ speċifiku tal-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u tat-taħriġ u r-riżultati miksuba għal studji barra l-pajjiż, l-għan huwa li jinkiseb rikonoxximent reċiproku awtonomu, kif jinsab fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aktar passi biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ isir realtà (ĠU C 185, 26.5.2023, p. 44).

14. Li l-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 tirrikjedi kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda li tibni pontijiet u tagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jikkollaboraw ma' xulxin, waqt li tiffaċilita l-moviment liberu tal-istudenti, il-gradwati, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi u l-persunal professjonali mal-Ewropa kollha biex jistudjaw, jaħdmu u jwettqu riċerka, u tirrikjedi wkoll sinerġiji, fejn xieraq, maż-Żona Ewropea tar-Riċerka;
15. Li l-attivitajiet tranżnazzjonali ta' edukazzjoni u taħriġ li jirriżultaw mis-šhubijiet strateġiċi jistgħu jkopru l-opportunitajiet tradizzjonali ta' mobbiltà għall-istudenti, joffru mikrokredenzjali u opportunitajiet oħra ta' taġlim tul il-ħajja, kif ukoll perkorsi flessibbli ta' taġlim għall-istudenti u l-parteċipazzjoni ta' programmi għal lawrja konġunta mifruxa fuq diversi kampusijiet mal-Ewropa kollha.

FILWAQT LI JQIS LI:

16. Il-kompetittività tal-Ewropa tiddependi fuq il-fatt li ċ-ċittadini tagħha jkunu mġhamra b'ħiliet li jibqgħu validi fil-futur. Is-sħubijiet strateġiċi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fost fatturi oħra, jaqdu rwol kruċjali biex jiġu mmappjati u indirizzati l-ispariġġi fil-ħiliet u biex jinkiseb l-akbar gwadann mit-tranżizzjoni ekoloġika u mid-diġitalizzazzjoni, permezz ta' inizjattivi mmirati u azzjonijiet konġunti. Billi jidentifikaw oqsma fejn jeżistu diskrepanzi fil-ħiliet jew fejn gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jsibu quddiemhom ostakli u jkunu jeħtieġu appoġġ speċifiku biex jipparteċipaw bis-sħiħ fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fl-impjiegi, is-sħubijiet strateġiċi jistgħu jfasslu l-isforzi tagħhom biex jipprovdu appoġġ u riżorsi mmirati;
17. Is-sħubijiet u l-impenji kondiviżi huma prinċipju ewlieni fil-governanza tas-sistemi tal-VET. L-għanijiet tal-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-ekosistemi lokali u reġjonali, li tiżgura sjieda konġunta, huma, b'mod partikolari, li jiġu żviluppati prattiki innovattivi, il-VET isir aktar attraenti u rilevanti għas-suq tax-xogħol, jiġu organizzati, iffinanzjati u mwettqa skemi u apprendistati bbażati fuq ix-xogħol, u tiġi organizzata l-mobbiltà tal-istudenti tal-VET;
18. L-edukazzjoni għolja taqdi rwol ewlieni fl-iżvilupp reġjonali u lokali, pereżempju billi tipprovdi opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ b'rispons għan-nuqqas ta' ħiliet u għall-ispariġġi fihom. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, billi jkunu flessibbli, kompetittivi, mġhamra b'biżżejjed riżorsi u responsabbli, u jattiraw u jżommu persunal motivat akkademiku u mhux akkademiku, jistgħu jsiru muturi tal-iżvilupp f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni u taħriġ u ma' sħab strateġiċi;

19. Jeħtieġ li jkun hemm permeabbiltà msaħħa bejn id-diversi tipi ta' edukazzjoni u taħriġ, b'mod partikolari bejn is-sistemi tal-VET u tal-edukazzjoni għolja, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-istudenti u jiġi promoss it-tagħlim tul il-ħajja. Il-permeabbiltà bejn is-sistema tal-VET u dik tal-edukazzjoni għolja, b'rispett sħiħ għall-awtonomija istituzzjonali u l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, tippermetti lill-istudenti jgħaddu minn sistema għal oħra mingħajr ma jħabbtu wiċċhom ma' ostakli, bħan-nuqqas ta' rikonossiment tal-krediti jew ix-xogħol akkademiku żejjed. Dan jiffaċilita l-progressjoni tat-tagħlim u jippermetti lill-individwi jadattaw il-perkorsi tat-tagħlim tagħhom f'konformità mal-aspirazzjonijiet tal-karriera tagħhom li qed jevolvu;
20. Importanti l-appoġġ għat-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni ġenerali u l-VET, l-edukazzjoni terziarja u l-edukazzjoni għall-adulti sabiex jitjieb l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ għall-gruppi żvantaġġati u għall-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u sabiex jiġu meġhuna l-għalliema, il-ħarrieġa u l-professjonisti, tul il-ħajja professjonali kollha tagħhom, sabiex jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi ġodda u jżommu ruħhom aġġornati mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u approċċi u metodoloġiji ġodda ta' tagħlim. Il-mikrokredenzjali jistgħu jaqdu rwol f'dan ir-rigward;
21. It-tagħlim għandu jgħin biex jiġu indirizzati sfidi soċjetali u ekonomiċi ġodda u, fejn xieraq, jinkludi elementi ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kompetenzi trażversali u jtejbu l-gwida għall-karriera u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u b'hekk tiżdied l-impjegabbiltà tal-gradwati. Aktar milli jadottaw approċċ wieħed għal kulħadd, is-sħubijiet strateġiċi jistgħu jieħdu approċċ orjentat lejn il-futur, billi jfasslu l-interventi tagħhom għaċ-ċirkostanzi uniċi ta' studenti, industrij jew reġjuni differenti;

22. Il-koordinazzjoni tal-perkorsi tal-edukazzjoni u t-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-soċjetà u tas-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet differenti tal-istudenti u tal-istudenti tul il-ħajja, filwaqt li tirrispetta l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u d-diversità tas-sistemi nazzjonali tal-VET u tal-edukazzjoni għolja, tista' theggi aħjar il-forza tax-xogħol għall-isfidi tal-futur. Miżuri bbażati fuq approċċ soċjetali olistiku jippermettu inizjattivi ta' edukazzjoni u taħriġ biex jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi fil-komunità, industrija speċifika jew is-soċjetà ġenerali;
23. Is-sħubijiet strateġiċi jista' jkollhom impatt akbar jekk jidderieġu r-riżorsi lejn oqsma fejn jistgħu jagħmlu l-aktar differenza sinifikanti. Bl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijetà għall-investiment jew l-interventi, is-sħubijiet strateġiċi jistgħu jiżguraw li r-riżorsi jiġu allokat b'mod effiċjenti u effettiv, u jimmassimizzaw l-impatt tagħhom. L-investiment fit-tisħiħ tal-kapaċità, b'mod partikolari f'oqsma b'infrastruttura inqas żviluppata ta' edukazzjoni, taħriġ u riċerka, u f'offerta edukattivi marbuta ma' setturi u teknoloġiji ekonomiċi orjentati lejn il-futur, huwa essenzjali. Is-sħubijiet strateġiċi, inkluż is-sħubijiet pubbliċi-privati, jistgħu jiġu sfruttati wkoll biex jiġu żviluppati akkomodazzjoni affordabbli u xierqa għall-istudenti u għall-apprendisti u kampusijiet ekoloġiċi u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, u skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali:

1. Jippromwovu sħubijiet strateġiċi fil-livell tranżnazzjonali, nazzjonali, reġjonali u dak lokali, bil-ħsieb li jtejbli l-kwalità, l-attraenza, ir-rilevanza u l-inklużività tat-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ;
2. Irawmu l-kompetenza intraprenditorjali, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livelli u fit-tipi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, billi jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ma' negozji ġodda u inkubaturi tan-negozju u sħubijiet oħra mal-komunità tan-negozju, inkluż l-intraprenditorija soċjali u inklużiva, kif ukoll jippromwovu l-kollaborazzjoni interġenerazzjonali;
3. Jippromwovu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' perkorsi ta' taħlim innovattivi, flessibbli u ffukati fuq l-istudenti permezz ta' sħubijiet strateġiċi, filwaqt li jtejbli l-permeabbiltà bejn id-diversi tipi ta' edukazzjoni u taħriġ, b'mod partikolari bejn l-VET u s-sistemi tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni għall-adulti, u jippromwovu r-rikonoxximent ta' taħlim (formali, mhux formali u informali) u ta' kwalifiki preċedenti;

4. Jippromwovu l-użu ta' sħubijiet strateġiċi biex jissaħħaħ ir-rwol tas-servizzi ta' gwida u konsulenza, b'mod partikolari biex jappoġġaw it-tranżizzjonijiet tal-istudenti bejn perkorsi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ u bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-impjiegi, filwaqt li jrawmu t-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera;
5. Jippromwovu opportunitajiet għal tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, apprendistati ta' kwalità u forom oħra ta' tagħlim sperimentali permezz ta' sħubijiet strateġiċi mal-impjegaturi u s-sħab soċjali;
6. Jappoġġaw u jirrikonoxxu l-iżvilupp professjonali u l-mobbiltà tal-għalliema, tal-ħarrieġa u tal-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ, biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jwasslu jew jappoġġaw esperjenzi ta' tagħlim ta' kwalità għolja, inklużivi u innovattivi fi sħubijiet strateġiċi mal-partijiet ikkonċernati;
7. Irawmu l-integrazzjoni tal-ekosistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-istrateġiji ta' żvilupp lokali, reġjonali, transfruntiera u tal-UE, filwaqt li jippromwovu sinerġiji ma' oqsma oħra ta' politika bħar-riċerka, l-innovazzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-intraprenditorija, l-involviment tal-komunità u l-inklużjoni soċjali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex, bir-rispett dovut għas-sussidjarjetà u ċ-ċirkostanzi nazzjonali:

1. Tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajba u ta' esperjenza fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' sħubijiet strateġiċi u kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, permezz ta' attivitajiet ta' taġlim bejn is-sħab, pjattaformi għall-iskambju ta' għarfien u studji li jenfasizzaw l-aħjar prattiki;
2. Tipprovdi gwida u tidentifika opportunitajiet ta' finanzjament biex tappoġġa l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' sħubijiet strateġiċi u kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fil-qafas tal-programmi ta' Erasmus+ u Orizzont Ewropa, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u strumenti oħra rilevanti ta' finanzjament tal-UE, u tkompli tesplora u toħloq sinerġiji bejn inizjattivi ta' edukazzjoni u taħriġ u oqsma oħra ta' politika tal-UE sabiex tissimplifika aktar azzjonijiet tal-UE konġunti;
3. Tkompli tappoġġa lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ fl-isforzi taġhom biex isaħħu is-sħubijiet strateġiċi fl-edukazzjoni u t-taħriġ permezz ta' diversi inizjattivi u azzjonijiet ta' politika, fosthom l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea, tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni doppja u tiġi appoġġata l-awtonomija strateġika miftuħa permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

4. Tipprovdi appoġġ għal inizjattivi li għandhom l-għan li jintroduċu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid f'setturi u teknoloġiji orjentati lejn il-futur;
 5. Twettaq eżerċizzju ta' mmappjar sħiħ dwar l-akkademji tal-ħiliet eżistenti u ppjanati, inkluż dettalji dwar il-format, il-governanza, il-finanzjament u l-udjenja fil-mira tagħhom, taqsmu mal-Kunsill u taġġornah regolarment;
 6. Tkompli tippromwovi l-użu ta' approċċi u għodod pedagoġiċi innovattivi permezz ta' sħubijiet strateġiċi, inkluż taġlim bl-istudenti fil-qalba tiegħu u bbażat fuq ix-xogħol, mikrokredenzjali u skemi ta' apprendistat ta' kwalità madwar l-Ewropa.
-

Kuntest politiku

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024 (EUCO 15/24).
2. Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024 (EUCO 12/24).
3. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 "Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd, ĠU C, C/2024/3364, 14.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3364/oj>.
4. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: Inħarsu lejn l-2025 u lil hinn, ĠU C 185, 26.5.2023, p. 35.
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aktar passi biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ isir realtà, ĠU C 185, 26.5.2023, p. 44.
6. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà, ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10.
7. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa, ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9.
8. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja, ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1.
9. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għat-tagħlim tal-adulti 2021-2030, ĠU C 504, 14.12.2021, p. 9.
10. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-istruttura ta' governanza tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), ĠU C 497, 10.12.2021, p. 1.

11. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej – Inqarrbu l-
edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida
fl-edukazzjoni għolja Ewropea, ĠU C 221, 10.6.2021, p. 14.
 12. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u
t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), ĠU C 66, 26.2.2021, p.
1.
 13. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ
vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, ĠU C
417, 2.12.2020, p. 1.
 14. Dikjarazzjoni ta' Osnabrück dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala faċilitatur tal-
irkupru u ta' tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi (30 ta' Novembru 2020).
 15. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-
rikonossiment reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u
t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, ĠU C
444, 10.12.2018, p. 1.
 16. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati
ta' Kwalità u Effettivi, ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1.
-